**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 16 ta' Marzu, 2022**

Numru 9

**Appell Nru. 38/2021**

**Moviment Graffitti**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Vincent Bonnici ghan-nom ta' Bonnici Stores**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Moviment Graffitti tad-19 ta' Ottubru 2021 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-30 ta' Settembru 2021 fejn sabet illi l-Moviment Graffitti ma kellux jedd jappella mid-decizjoni tal-Awtorita fir-rigward tal-applikazzjoni PA2335/07 'relocation of kerbside pump (KPRS79) and construction of ancillary office and servicing garage, car wash and landscaping' f'sit fi Triq Burmarrad, Burmarrad. Ghalhekk iddikjarat l-appell null.

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell huwa kontra l-hrug tal-permess PA02335/07 li fih gie approvat fuel station gdida sabiex ikun hemm rilokazzjoni ta’ pompa tal-fuel ezistenti, bil-proposta tinkludi ufficini ancillari, service garage u car wash. Is-sit tal-izvilupp approvat jinsab fi Triq Burmarrad, Burmarrad.

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellanti pprezentaw ghaxar (10) aggravji kontra l-izvilupp approvat, hekk kif gej:
1. Id-decizjoni mehuda fl-approvazzjoni tal-applikazzjoni m’hijiex motivata kif jirrikjedi l-Artikolu 33 tal-Kapitolu 552;
2. Il-Bord tal-Ippjanar injora u ta interpretazzjoni zbaljata tal-Fuel Station Policy tal-2015 minhabba li:
i. is-sit in kwistjoni ma jikkwalifikax ghal tali zvilupp kif indikat f’paragrafi 3.2 u 4.1 ta’ din il-linja gwida, filwaqt li lanqas ma jikkwalifika taht paragrafu 4.2 minhabba li l-impatt ambjentali gie ccertifikat mill-ERA u anke gie rikonoxxut fl-EIA, u l-valur agrikolu tas-sit gie ccertifikat mill-AAC;
ii. l-izvilupp approvat jaqbez l-impront ta’ 3,000 metru kwadru kif specifikat f’paragrafu 4.2;
iii. is-sit jinsab pozizzjonat f’zona li hija suxxettibbli ghal l-harghar, bi ksur ta’ paragrafu 4.3b;
iv. l-izvilupp approvat jaffettwa art agrikola u jinkludi hwienet kummercjali, bi ksur ta’ paragrafu 7.8 li jispecifika li policies ohra jibqaw applikabbli;
3. Il-Bord tal-Ippjanar injora u ta interpretazzjoni zbaljata tal-linja gwida rurali tal-2014 minhabba li gew njorati l-kummenti tal-AAC fir-rigward ta’ Policy 1.2D;
4. Il-Bord tal-Ippjanar injora u ta’ interpretazzjoni zbaljata tal-Pjan Lokali minhabba li gie njorat l-Artikolu 13.9 ta’ dan ilpjan li jesprimi l-ghan li art agrikola tigi kkonservata;
5. Gew injorati d-dispozizzjonijiet tal-iSPED, u jigi ndikat li l-proposta hija bi ksur ta’ Thematic Objective 1 u tmur kontra l-vizjoni espressa f’Artikolu 1.27 minhabba t-tehid ta’ art agrikola, formalizazzjoni ta’ art rurali, u vicinanzi tas-sit ghal fuel stations ezistenti;
6. Gew injorati l-Artikoli 72(2)(a) u (b) tal-Kapitolu 552 minhabba li l-Bord tal-Ippjanar injora d-dispozizzjonijiet talpolicies applikabbli;
7. Gew injorati sub-artikoli (d)(e) u (f) tal-Artikolu 72(2) tal-Kapitolu 552 minhabba li l-Bord tal-Ippjanar injora lprovvediment ta’ dawn id-dispozizzjonijiet;
8. Il-Planning Gain imposta hija wahda minima li ma tirriflettix l-impatt ta’ dan l-izvilupp, u lanqas ma tirrifletti r-rata stabbilita f’kazijiet ohra precedenti;
9. L-ezercizzju ta’ site selection ma’giex ezegwit b’konformita ma’ kunsiderazzjonijiet ta’ ppjanar u legali;
10. L-izvilupp approvat huwa bi ksur tan-National Agricultural Policy, partikolarment mizuri 067 u 068 ta’ dan il-policy document;

Illi b'risposta ghal dan l-appell, l-Awtorita` tal-Ippjanar u l-applikant (illum permit holder) ressqu eccezzjoni preliminari ta' nullita, b'dawn jindikaw li l-appellanti ma rregistraw l-ebda lment fit-terminu stipulat bil-ligi sabiex ikunu rikonoxxuti bhala registered objectors.

Illi fir-risposta tal-appellanti rigwardanti l-eccezzjoni preliminari, issir referenza ghall-Artikolu 11(e) tal-Kapitolu 551 u jigi argumentat li dan juri bic-car li f'kaz li l-izvilupp in mertu kien soggett ghal studju dwar l-impatt ambjentali, kull persuna ghandha dritt ta' access tal-appell u mhux biss dawk indikati f'Artikolu 71(6) tal-Kapitolu 552.

Illi qabel ma dan it-Tribunal jibda biex jikkunsidra l-mertu ta' dan l-appell, fuq bazi preliminari ser jistharreg l-eccezzjoni preliminari ta' nullita imqajjma mill-Awtorita` tal-Ippjanar u l-permit holder.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-oggezzjonijiet rregistrati quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar fil-kors tal-applikazzjoni odjerna kienu ghan-nom ta' NGOs Ambjentali Birdlife Malta, Front Harsien ODZ, Nature Trust Malta u Agrarian Society Malta [Skont dok a fol 75A fl-inkartament tal-PA02335/07], filwaqt li dan ir-rikors tal-appell gie pprezentat ghan-nom tal-NGO Moviment Graffitti. Huwa inkontestat bejn il-partijijiet li l-NGO Moviment Graffitti m'huwiex rikonoxxut bhala registered objector mal-Awtorita tal-Ippjanar.

Illi fil-mori ta' dan l-appell sar rikors ta' Moviment Graffitti ghall-inkluzjoni ta' appellanti godda li jinkludu l-NGOs Ambjentali Birdlife Malta, Front Harsien ODZ u Nature Trust Malta. Illi l-permit holder esprima l-oppozizzjoni tieghu ghal dan ir-rikors, u finalment din it-talba giet michuda min dan it-Tribunal minhabba li l-appellanti godda ser ibiddlu s-sustanza tal-appell odjern. Illi fis-sottomissjonijiet maghmula ma' dan ir-rikors, l-appellanti jaghmlu referenza wkoll ghall-appell bin-numru 485/17 deciz min dan it-Tribunal kif diversament kompost, li fih kienet tressqet eccezzjoni preliminari ta' nullita. Fid-decizjoni ta' dan l-appell, it-Tribunal kien ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:
"It-Tribunal jinnota illi lista tal-appellanti hija mnizzla fuq il-formola tal-hlas annessa mar-rikors tal-appell. Dan ifisser illi ma hemmx l-element ta' pregudizzju fil-konfront tal-appellat illi ghalkemm fid-dicitura tar-rikors tal-appell ma hemmx imnizzla min huma l-appellanti, ai finijiet ta' procedura l-appell thallas u gie presentat min min kien legalment fil-posizzjoni li jaghmel l-appell.
Il-kwistjoni dibattuta ghalhekk ghandha tkun jekk in-nuqqas ta' isem l-appellanti fir-rikors tal-appell huwhiex tali li jaghmel l-appell null, jew jekk tali nuqqas huwa sanabbli.
[…]
It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma illi ghandhom japplikaw dawn il-principju ghall-appell odjern b'dana illi, ghallkorrettezza, jordna u jikkonferma illi l-okkju tal-appell ghandu jinqara hekk:
"Vera Jankovic, Denis u Marisa konjugi Sant, Stephania Farrugia, Antonio Cremona, Lily Alexandra Agius, Bernard Schranz u Dr. Alfred Sant kontra l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-kjamat in kawza, Anthony Bonavia.""

It-Tribunal josserva li kif gie ndikat f'din id-decizjoni, il-lista tal-appellanti kienet mnizzla fuq il-formola tal-hlas annessa mar-rikors tal-appell, filwaqt li jirrizulta wkoll li l-appellanti fl-imsemmi r-rikors tal-appell kienu kollha registered objectors fil-kors talapplikazzjoni PA 4875/17. Illi fil-kaz odjern, is-sitwazzjoni hija ferm diversa ghaliex l-appellanti indikati fir-rikors tal-appell u filhlas tal-appell huma biss Moviment Graffiti, filwaqt li din l-NGO ma kienetx registered objector mal-Awtorita` tal-Ippjanar, u dan kif gie ndikat aktar kmieni f'dan l-appell.

Illi fis-sottomissjonijiet tal-appellanti, ssir ukoll referenza ghall-estratti mehuda min dibattiti tal-Kamra tar-Rapprezentanti filParlament ta' Malta u opinjoni espressa mill-Avukat Perit Dr. Robert Musumeci. It-Tribunal josserva li huwa marbut jimxi malligijiet applikabbli, u mhux ma' opinjonijiet u dibattiti li ma ghandhom l-ebda sustanza min punto di vista legali, u

ghaldaqstant huwa fuq dan il-binarju li ser jiddeciedi fuq l-eccezzjoni ta' nullita imqajjma mill-Awtorita` tal-Ippjanar u mill-permit holder.

Illi primarjament dan it-Tribunal jirreferi ghall-Artikolu 11 (1)(e) tal-Kapitolu 551 liema Artiklu jipprovdi hekk kif gej:
"(e) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn terza persuna interessata li tkun issottomettiet rapprezentazzjonijiet bil-miktub kif stabbilit mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp:
(i) minn decizjoni fuq applikazzjoni ghal permessta' zvilupp;
(ii) minn decizjoni fuq applikazzjoni ghall-kontrolltal-ippjanar relatata ma' tibdil fl-allinjament;
(iii) minn decizjoni fuq ordni ta' skedar u ordni ta'konservazzjoni; Izda:
(i) l-Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern; u
(ii) kull dipartiment, agenzija, awtorità jew korp guridiku iehor kollu kemm hu proprjetà tal-Gvern li ma jkunx konsulent estern li jkun gie konsultat u ma oggezzjonax,
Ghandu dejjem ikun meqjus ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bhala terza persuna interessata minkejja illi ma jkunux gew sottomessi minnu rapprezentazzjonijiet bil-miktub:
Izda l-persuni kollha ghandhom jitqiesu li ghandhom interess sufficjenti u jkollhom access ghal procedura ta' revizjoni quddiem it-Tribunal biex jopponu l-legalità sostantiva jew procedurali ta' kull decizjoni, att jew ommissjoni li ghandhom x'jaqsmu ma' zvilupp jew stallazzjoni li hi soggetta ghal studju dwar l-impatt ambjentali (EIA) jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniggis (IPPC):
Izda l-Awtorità tal-Ippjanar ma ghandhiex tigi meqjusa bhala terza persuna interessata ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu;"

It-Tribunal jibda billi josserva illi l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 551 jibda jaqra "Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar lIppjanar tal-Izvilupp", filwaqt li sub-artikolu 11(1)(e) jipprovdi li t-Tribunal ghandu jkollu gurisdizzjoni li: "jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn terza persuna interessata li tkun issottomettiet rapprezentazzjonijiet bil-miktub kif stabbilit mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp:"

Illi l-Artikolu 71 (6) l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 552) jikkwalifika terza persuna interessata bhala:
"Kull persuna tista' tiddikjara interess f'xi zvilupp u, abbazi ta'ragunijiet li jkunu rilevanti ghall-ambjent u lippjanar, taghmel rapprezentazzjonijiet dwar dak l-izvilupp. Dik id-dikjarazzjoni ta' interess flimkien mar-rapprezentazzjonijiet ghandha ssir bil-miktub u ghandha tasal ghand il-Bord tal-Ippjanar fiz-zmien kif stabbilit b'regolamenti preskritti mill-Ministru. Dikjarazzjoni li ma tigix ipprezentata f'dan iz-zmien stipulat ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla u ma tistax tigi kkunsidrata mill-Bord tal-Ippjanar."

Illi madankollu sub-artikolu 11(1)(e) jkompli billi jindika li l-Avukat Generali u entitajiet ohra (kull dipartiment, agenzija, awtorità jew korp guridiku iehor kollu kemm hu proprjetà tal-Gvern li ma jkunx konsulent estern li jkun gie konsultat u ma oggezzjonax) ghandhom jigu meqjusa "bhala terza persuna interessata minkejja illi ma jkunux gew sottomessi minnu rapprezentazzjonijiet bil-miktub". Finalment filparagrafu finali jinghad ukoll li "persuni kollha ghandhom jitqiesu li ghandhom interess sufficjenti u jkollhom access ghal procedura ta' revizjoni quddiem it-Tribunal biex jopponu l-legalità sostantiva jew procedurali ta' kull decizjoni, att jew ommissjoni".

Filwaqt li t-Tribunal jifhem illi l-imsemmi provvediment legali jista' jaghti lok ghal diversi interpretazzjonijiet, l-istess Tribunal jidhirlu illi min kif inhu pprezentat dan l-Artikolu tezisti distinzjoni cara ta' min ghandu dritt ta' appell u min ghandu dritt ta' access ghall-proceduri tal-appell. Di fatti fil-parti inizjali tal-Artikolu 11(1)(e) hemm stipulat li t-Tribunal ghandu "jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn terza persuna interessata" filwaqt li jiddefinixxi persuna interessata bhala "li tkun issottomettiet rapprezentazzjonijiet bil-miktub kif stabbilit

mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar lIppjanar tal-Izvilupp". Referenza ghad-drittijiet ta` terza persuna interessata terga` ssir fl-istess sub-artiklu fil-kaz tal-Avukat Generali u entitajiet ohra msemmija fiz-zewg eccezjonijiet (i) u (ii). Min naha l-ohra filwaqt li fil-parti finali tas-sub-artikolu msemmi jigi pprovdut li "persuni kollha ghandhom jitqiesu li ghandhom interess sufficjenti u jkollhom access ghal procedura ta' revizjoni quddiem it-Tribunal biex jopponu l-legalità sostantiva jew procedurali…". F'din tal-ahhar id-dritt moghti huwa biss ta' access minghajr ma jissemmew id-drittijiet ta' terza persuna interessata bhal ma sar fiz-zewg istanzi diga` msemmija. Dan id-dritt ta` access "biex jopponu l-legalità sostantiva jew procedurali ta' kull decizjoni, att jew ommissjoni" ma huwiex fl-ambitu tal-Kapitlu 551 tal-Ligijiet ta' Malta izda permezz ta' rimedji ohra li jista' jkun hemm f'ambitu legali differenti.

Illi min dan kollu jidher li dan l-Artikolu jaghti d-dritt lil persuni kollha sabiex f'appelli li jikkoncernaw zviluppi li jkunu soggetti ghal EIA jew permess IPPC jkollom access ghal-proceduri, inkluz is-seduti mizmuma quddiem dan it-Tribunal u l-atti rispettivi kollha. Min dan johrog car li dan id-dritt huwa limitat ghal meta jkunu bdew il-proceduri ta' appell izda m'humiex estiz ghal dritt li jsir appell jew li wiehed jippartecipa f'appell. Din jidher li kienet ir-rieda tal-legislatur ghaliex kieku terzi mhux irregistrati (f'kaz ta' zviluppi soggetti ghal EIA jew IPPC) kellhom l-istess drittijiet, din is-sezzjon kienet tindika li ghandhom jitqiesu bhala 'terza persuna interessata' bhal ma jindika l-istess artikolu fil-kaz tal-eccezzjoni li tirgwarda l-Avukat General u u entitajiet ohra msemmija.

Illi b'rabta ma' dan, it-Tribunal jirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija fit-30 ta' Marzu 2017 mill-Qorti tal-Appell (Appell Nru. 11/2016) fl-ismijiet: Go Plc vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et. Iiema sentenzatirrigwarda d-dritt ta' appell min terzi bil-Qorti tipprovdi dan li gej:
"Il-gudikant f'dan il-kaz irid jimxi fuq l-aggravji ta' natura legali mressqa quddiemu skond il-ligi ta' ippjanar u hu marbut bihom, altrimenti jkun qed jaghti lok ghal dritt ta' appell lil terzi li skond il-ligi tal-ippjanar qatt ma kellhom dan id-dritt. Fi kliem iehor l-intervenut cioe terz interessat fic-cirkostanzi tal-ligi ta' ippjanar jista' javvalixxi ruhu mill-aggravji tal-appellant jew ir-risposti tal-appellat u jamplifika fuqhom b'sottomissjonijiet tieghu izda mhux bi skuza ta' intervenut idahhal aggravji godda jew risposti godda qisu kien l-appellant jew l-appellat.
L-intervenut fic-cirkostanzi prezenti jrid jirkeb iz-ziemel ta' parti jew ohra izda mhux hu jassumi rwol separat u distint b'argumenti li ma jirrizultawx minn dawk strettament ta' natura legali li l-appellant intrabat bihom meta sar l-appell. Dan qed jinghad b'mod partikolari ghaliex ghalkemm it-terz interessat, darba registrat quddiem l-Awtorita kif jipprovdi l-Kap. 504 ghandu d-dritt li jinstema' quddiem l-Awtorita u anki quddiem it-Tribunal talAppell, pero jista jkollu locus standi qua parti quddiem il-Qorti tal-Appell jekk kien l-appellant quddiem it-Tribunal.
Maghdud dan, l-intervenut kif intqal irid juri interess guridiku dirett fil-proceduri biex jigi ammess jintervjeni f'dan l-istadju quddiem il-Qorti tal-Appell, u mhux semplicement interess generali li ma jirriflettix interess dirett ghall-intervenut. Dan jaghmlu jekk juri li kien registrat qua persuna interessata quddiem l-Awtorita u t-Tribunal tal-Appell. Altrimenti dan l-interess li ma jkunx intwera quddiem dawn l-organi ma jkunx jista' jsib sostenn bhala raguni biex jintervjeni quddiem din il-Qorti ghax tali interess kien ezistenti mill-bidu meta ntalab il-permess ta' zvilupp. Darba mhux utilizzat id-dritt li jippartecipa fil-proceduri precedenti dawk quddiem din il-Qorti kif trid illigi specjali, terz ma jistax jissana n-nuqqas tieghu billi jallacja ruhu mal-artikolu 960 tal-Kap. 12. Dan mhux bizzejjed. B'daqshekk pero ebda dritt ma hu qed jintilef jew pregudizzju irrimeddjabbli qed jigi arrekat billi permess johrog, kif intqal, minghajr pregudizzju ghal third party rights."

Illi min dan l-insenjament jirrizulta li f'kaz ta' appell intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell, jehtieg li terza persuna turi interess guridiku dirett fil-proceduri biex jigi awtorizzat jintervjeni quddiem l-istess Qorti, u mhux semplicement interess generali li ma jirriflettix interess dirett

ghall-intervenut. Il-Qorti tkompli billi tispjega li dan jaghmlu jekk juri li kien registrat bhala persuna interessata quddiem l-Awtorita` u t-Tribunal tal-Appell. Illi kif gie indikat aktar kmieni min dan it-Tribunal, l-Artikolu 71 (6) tal-Kapitolu 552 jikkwalifika terza persuna interessata bhala persuna li tkun issottomettiet rapprezentazzjonijiet bil-miktub skont kif stabbilit mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-Artikolu 71(6) tal-Kapitolu 552 dwar l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp kif ukoll (i) l-Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern (ii) kull dipartiment, agenzija, awtorità jew korp guridiku iehor kollu kemm hu proprjetà tal-Gvern li ma jkunx konsulent estern li jkun gie konsultat u ma oggezzjonax.

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan ifisser li filwaqt li huwa minnu li Artikolu 11 (e) tal-Kapitolu 551 jirrikonoxxi li f'kaz ta' zviluppi li jkunu soggetti ghal EIA jew permess IPPC, persuni kollha ghandhom dritt ta' access b'mod shih ghall-proceduri ta' appell quddiem dan it-Tribunal, inkluz dritt ta' access ghall-atti u s-seduti kollha, dan l-Artikolu jaghmel distinzjoni cara bejn id-dritt li jigi sottomess appell u d-dritt li persuna jkollha access fl-imsemmi appell. Dan anke in vista tal-insenjament moghti mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza surreferita, fejn f'kaz ta' appell intavolat quddiem il-Qorti min terza persuna li ma tkunx irregistrat bhala persuna interessata quddiem l-Awtorita` u t-Tribunal tal-Appell, dan ikun naqas li juri interess guridiku dirett fil-proceduri. Dan iddritt ta access "biex jopponu l-legalità sostantiva jew procedurali ta' kull decizjoni, att jew ommissjoni" m'huwiex fl-ambitu talKapitlu 551 tal-Ligijiet ta' Malta izda permezz ta' rimedji ohra, kemm civili u anke ambjentali li jhossu li ghandhom jseggwu.

Finalment, it-Tribunal josserva wkoll li dan johrog bic-car ukoll mill-abbozzar tal-Kapitlu 551. Fl-abozz originali [Abbozz 109 ippublikat fit-3 ta' Lulju 2015] ntavolat quddiem il-Parlament ta' Malta, fir-rigward ta' id-dritt ta' partecipazzjoni tal-pubbliku f'appelli li jirrigwardaw zviluppi li jkunu soggetti ghal EIA jew permess IPPC, kien gie propost li fis-sub-artikolu 11(1)(c) tal-istess abbozz tal-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni talAmbjent u l-Ippjanar is-segwenti:
"Izda NGO Ambjentali ghandu dejjem ikun meqjus ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bhala terza persuna jew parti interessata (enfasi mifjuda min dan it-Tribunal), salv li l-appell ikun jirrigwarda Studju dwar l-Impatt Ambjentali jew permess tal-IPPC;"

Filwaqt li r-referenza ghas-sub-artiklu inbidlet ghall-Artiklu11(1)(e), il-proposta surreferita kienet giet emendaat mill-Parlament u b'tali mod li dan is-sub-artikolu tal-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kif illum approvat jipprovdi kif gej:
"Izda l-persuni kollha ghandhom jitqiesu li ghandhom interess sufficjenti u jkollhom access ghal procedura ta' revizjoni quddiem it-Tribunal (enfasi mifjuda min dan it-Tribunal) biex jopponu l-legalità sostantiva jew procedurali ta' kull decizjoni, att jew ommissjoni li ghandhom x'jaqsmu ma' zvilupp jew stallazzjoni li hi soggetta ghal studju dwar l-impatt ambjentali (EIA) jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integratitattniggis (IPPC):"

Illi min dan johrog car li kienet ir-rieda tal-legislatur li d-dritt f'kaz ta' zviluppi li jkunu soggetti ghal EIA jew permess IPPC min persuni li ma jkunux irregistraw l-interess taghhom quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar ikun biss dak ta' access b'mod shih fil-proceduri ta' appell, izda mhux li tali persuni jkunu kkunsidrati bhala terza persuna interessata u li jkunu jisjistghutaw jintavolaw appell quddiem dan it-Tribunal.

Ghal dawn ir-ragunijiet, dan it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-Awtorita' u mill-permit holder u jiddikjara l-appell bhala wiehed null. Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Ic-Chairman tat-Tribunal hu impjegat tal-Awtorita u irrifjuta li jirrikuza ruhu bla ma ta ebda raguni u dan jilledi d-dritt ta' smigh xieraq u gustizzja naturali *nemo judex in causa propria*;

2. It-Tribunal applika hazin l-artikolu 11(1)(e) tal-Kap. 551 meta qies li l-appellant ma kellux jedd jappella. L-appellanti issostni li l-proviso ta' dan l-artikolu ma jhallix dubju li f'kaz ta' zvilupp soggett ghal EIA (Environment Impact Assessment) jew IPPC (prevenzjoni u kontroll kontra t-tniggis) kwalsiasi persuna, hi min hi, ghandha dritt ta' appell.

**It-tieni aggravju**

Din il-Qorti tqis illli ghandu jigi deciz dan l-aggravju l-ewwel billi l-aggravju numru 1 hu dipendenti fuq jekk l-appellant ghandux jedd ta' appell.

L-aggravju hu dwar it-tifsira shiha tal-artikolu 11(1)(e) tal-Kap. 551 li jghid hekk

> 11. (1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, it-Tribunal ghandu jkollu gurisdizzjoni li:
> (e) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn terza persuna interessata li tkun issottomettiet rapprezentazzjonijiet bil-miktub kif stabbilit mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp:
> (i) minn decizjoni fuq applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp;
> (ii) minn decizjoni fuq applikazzjoni ghall-kontroll tal-ippjanar relatata ma' tibdil fl-allinjament;
> (iii) minn decizjoni fuq ordni ta' skedar u ordni ta' konservazzjoni;
> Izda:
> (i) l-Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern; u
> (ii) kull dipartiment, agenzija, awtorità jew korp guridiku iehor kollu kemm hu proprjetà tal-Gvern li ma jkunx konsulent estern li jkun gie konsultat u ma oggezzjonax,
> ghandu dejjem ikun meqjus ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bhala terza persuna interessata minkejja illi ma jkunux gew sottomessi minnu rapprezentazzjonijiet bil-miktub:
> Izda l-persuni kollha ghandhom jitqiesu li ghandhom interess sufficjenti u jkollhom access ghal procedura ta' revizjoni quddiem it-Tribunal biex jopponu l-legalità sostantiva jew procedurali ta' kull decizjoni, att jew ommissjoni li ghandhom x'jaqsmu ma' zvilupp jew stallazzjoni li hi soggetta ghal studju dwar l-impatt ambjentali (EIA) jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniggis (IPPC):
> Izda l-Awtorità tal-Ippjanar ma ghandhiex tigi meqjusa bhala terza persuna interessata ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu;

Il-kwistjoni kollha hi t-tifsira partikolari tal-proviso ghal tali artikolu mehud fl-assejm tal-artikolu innifsu.

L-artikolu 11 mehud fl-intier tieghu hu intiz biex jispecifika s-setgha tat-Tribunal in konnessjoni ma' decizjonijiet tal-Awtorita. Is-subartikolu (e) b'mod specifiku jsemmi b'mod car appelli maghmula minn terzi kif jistabilixxi l-artikolu 71(6) tal-Att dwar l-Ippjanar. Fis-subincizi (i), (ii) u (iii) tal-artikolu 11(1)(e) hemm indikat liema huma d-decizjonijiet li terz interessat jista' jappella minnhom li huma specifici fin-natura taghhom u fejn skont is-subartikolu 11(1)(e) jistghu jsiru minn terz li jkun aderixxa ruhu fi stadju anterjur ghad-decizjoni tal-Awtorita mal-provvediment tal-artikolu 71(6) kif fuq inghad.

Il-proviso jiftah il-process tal-appell lill-Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern (illum irid javza lill-Avukat tal-Istat pero tehtieg emenda ghal dan il-ghan) u dipartiment, agenzija, awtorita, korp guridiku proprjeta tal-Gvern, li ghandu jitqies dejjem bhala terz interessat u ghalhekk bi dritt ta' appell nonostante li ma jkunx ghamel rapprezentazzjonijiet bil-miktub kif irid l-artikolu 71(6) tal-Kap. tal-Att dwar l-Ippjanar.

Il-proviso jkompli jzid billi jiftah l-access ghal procedura ta' revizjoni ghal <u>persuni kollha</u> huma min huma bla ma jittiehed kont dwar l-interess li jista' jkollhom fl-izvilupp <u>biex jopponu l-legalita sostantiva u procedurali</u> ta' decizjoni, att jew omissjoni fi zvilupp jew istallazzjoni, limitatament fejn l-izvilupp hu soggett ghal EIA jew IPPC (sottolinear tal-Qorti).

Din l-ahhar parti tal-provisio, forsi maghmula bi kliem mhux daqshekk precizi hu car u cioe li kwalsiasi persuna ghandha jedd ta' access kemm fis-sustanza u kemm proceduralment ghat-Tribunal biex topponi. Dan ma jistax ifisser hlief appell minn decizjoni, att jew omissjoni tal-Awtorita dwar zvilupp suggett ghal studju ambjentali jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' tniggiz.

Dan il-proviso hu maghqud mad-dispost innifsu cioe l-artikollu 11(1)(e) li jitkellem esklussivament dwar appelli minn terzi interessati skont l-artikolu 71(6) tal-Att principali fejn pero qed issir eccezzjoni generali dwar appelli mill-Avukat Generali, dipartiment u agenziji, awtorita jew korp guridiku tal-Gvern li jistghu jsiru anki jekk ma osservawx l-artikolu 71(6) u mbaghad ikompli jiftah l-iskrutinju ta' decizjonijiet tal-

awtorita ghal kulll persuna fejn hemm decizjoni, att jew omissjoni soggett ghal EIA jew permess dwar IPPC.

Ma hemmx mod iehor kif jinqara dan il-proviso u d-distinzjoni bejn dritt ta' access u dritt ta' appell kif maghmul mit-Tribunal ma jreggix peress illli dan il-proviso irid jinqara ma' dak li jigi qablu ezatt, cioe d-dritt ta' appell lil terzi ohra mhux parti fil-process inizjali quddiem l-Awtorita.

Hu minnu illi l-Kap. 552 fl-artikolu 47 et seq. jaghti dritt ta' appell lil 'kull persuna' direttament minn decizjoni tal-Awtorita ghall-Ambjent u Rizorsi unikament dwar stimi ambjentali, access ghall-informazzjoni ambjentali u prevenzjoni u rimedju ta' danni ambjentali, pero dan l-appell ghalkemm maghmul ghal 'kull persuna' (u skont l-artikolu 47(9) il-persuna trid turi biss motivazzjoni ragonata fuq konsiderazzjoni ambjentali biex tiggustifika l-appell) hu specifku ghal dak li jrid jigi kundsidrat u deciz mentri l-proviso mertu ta' dan l-appell imur oltre u jirrigwarda l-izvilupp innifsu.

Ghalhekk il-Qorti tilqa' l-aggravju li tqis illli t-Tribunal kellu jisma l-appell tal-Moviment Graffitti u dan peress illi l-izvilupp hu soggett ghal EIA u ghalkemm l-NGO ma kinitx parti mit-terzi interessati fl-istadju quddiem l-Awtorita, kellha l-jedd ta' appell quddiem it-Tribunal kif fuq inghad.

**L-ewwel aggravju**

Il-Qorti tqis tali talba ghal rikuza ghandha tigi indirizzata b'mod car mit-Tribunal u dan biex jigi assikurat trasparenza u raguni valida jekk it-talba ma tintlaqax. Wara kollox kulll decizjoni ghandha tkun motivata. F'dan il-kaz sfortunatament it-Tribunal ma ta' ebda raguni ghac-cahda tat-talba u tali decizjoni fiha infsiha hi zbaljata. Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju fis-sens illi t-Tribunal ghandu jerga' jikkonsidra t-talba ghar-rikuza u jimmotiva d-decizjoni tieghu.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-30 ta' Settembru 2021, u tiddikjara li l-appell ta' Moviment Graffitti hu wiehed validu skont il-ligi, u tirrevoka d-digriet ta' cahda ta'

rikuza tat-Tribunal kif kompost tal-10 ta' Dicembru 2020, b'dan li t-Tribunal ghandu jikkonsidra t-talba mill-gdid u jaghti decizjoni motivata dwarha. Spejjez jibqghu bla taxxa.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur